Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 183/2010

**Rikors Nru. 183/2010 fl-Atti ta' l-ittra ufficjali pprezentata nhar it-28 ta' April 2010 fl-ismijiet:-**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (appellata)**

**vs**

**Sesco Investments Limited (C-19850) (appellanti)**

6 ta' Ottubru 2017

Rat **ir-rikors tas-socjeta' Sesco Investments Limited tat-18 ta' Mejju 2010** quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' liema esponiet li hija (i) giet notifikata b'ittra ufficjali minghand l-Awtorita' ntimata nhar it-30 ta' April 2010 b'talba ghall-hlas tas-somma ta' €3,285.05 allegatament dovuta bhala hlasijiet amministrattivi ghal awtorizzazzjoni generali li s-socjeta' rikorrenti tgawdi a tenur tar-Regolamenti tal-2004 dwar in-Networks u Servizzi ta' Komunikazzjoni Elettronici (Generali); u (ii) tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt koncess lilha ai termini ta' l-Art.49(2) tal-Kap. 418 sabiex topponi tali talba. Ir-ragunijiet li abbazi taghhom l-esponenta tixtieq topponi ghal tali talba huma s-segwenti: (A) In-nullita ta' l-ittra ufficjali in kwantu giet prezentata quddiem Qorti inezistenti u cioe' "Fil-Qorti tal-Magistrati, Sede Inferjuri" u in kwantu d-dikjarazzjoni bil-gurament annessa bhala Dok A mal-istess ittra ma saritx minn wahda mill-persuni elenkati fl-art.49 (1) tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta; (B) Bla pregudizzju, it-talba tal-Awtorita' hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghax (a) is-somom mitluba mill-Awtorita' ntimata ma humiex dovuti mill-esponenti in kwantu jirrigwardaw attivita' li ma hijiex dik maghmula minnha; (b) id-drittijiet mitluba mill-esponenti diga' huma mhallsa minn terzi u/jew operaturi ohra stante li jirrelataw ghall-istess traffiku elettroniku u ghalhekk dak li qieghda titlob l-Awtorita' ntimata jirraviza l-arrikiment indebitu; u (c) uhud mid-drittijiet li tippretendi l-Awtorita' ntimata jirreferu ghal spejjez amministrattivi allegatament inkorsi mill-istess Awtorita' li taghhom jispetta lill-istess Awtorita' ggib prova u li f'certi kazi huma purament ta' natura arbitrarja; u (C) s-socjeta' esponenti tipprotesta ghall-ispejjez ta' din il-procedura ghax (a) il-Kap. 418 jikkontempla proceduri ohra li setghet tintraprendi l-Awtorita' ntimata fejn fost affarijiet ohra l-esponenti kien ikollha dritt li tirreferi l-kwistjoni lil Bord ta' l-

Appell kompost taht l-istess ligi bi spejjez inqas ghal partijiet kollha koncernati; u (b) minghajr pregudizzju, hafna mill-inkorettezzi kommessi mill-istess Awtorita' diga kienu gew senjalati lilha u ghalhekk ma kienx hemm htiega tal-proceduri mehuda mill-istess Awtorita'. Is-socjeta' rikorrenti talbet ghalhekk lill-Qorti sabiex: 1. Tiddikjara li l-ittra ufficjali pprezentata mill-Awtorita' ntimata nhar it-28 ta' April 2010 hija nulla u bla effett fil-ligi; u/jew alternattivament 2. Tiddikjara li l-pretensjoni vantata fl-ittra ufficjali msemmija hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentament tichad l-istess talba ta' l-Awtorita' ntimata.

Rat ir-**Risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tas-26 t'Ottubru 2010**[1] permezz ta' liema eccepiet fost ohrajn li: (A) Dwar l-allegata nullita' tal-ittra ufficjali in kwistjoni, l-izvista fl-intestatura tal-Qorti fl-istess ittra ufficjali mhijiex nuqqas ta' sustanza imma zvista genwina li b'ebda mod ma timpingi fuq is-sustanza tal-proceduri odjerni u di piu' ma tikkawza l-ebda pregudizzju lis-socjeta' rikorrenti. Inoltre, l-avukat Paul Edgar Micallef li ghamel id-dikjarazzjoni annessa ma' l-ittra ufficjali in kwistjoni huwa debitament awtorizzat ai termini ta' l-artikolu 7(2) tal-Kap. 418 biex jagixxi ghan-nom u f'isem l-istess Awtorita'; (B) Fil-mertu l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali kontestata huwa gustifikat; u (C) L-allegazzjonijiet dwar l-ispejjez tal-procedura huma kollha nfondati.

Rat **is-sentenza tat-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Lulju 2016** li ddecidiet hekk –

*"Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjonijiet dwar nullita' ta' l-ittra ufficjali, s-socjeta' ntimata rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha rrimettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti. Il-Qorti qeghda tichad l-istess eccezzjoni in vista illi l-intestazzjoni ta' l-ittra ufficjali fejn gew inkluzi l-kliem "Sede Inferjuri" ma rrekat l-ebda pregudizzju lill-istess socjeta tant illi din agixxiet skond id-drittijiet moghtija lilha mil-ligi sabiex tikkontesta tali ittra ufficjali u in vista tal-prova prodotti mill-Avukat Micallef illi huwa debitament awtorizzat jagixxi f'isem l-Awtorita ai termini tad-Dokument PM 1 esebit a folio 39 tal-process.*

*Illi fir-rigward tat-tieni lamentela tas-socjeta' ntimata rikorrenti l-Qorti hija tal-fehma illi l-argument tas-socjeta' msemmija huwa sostenibbli fis-sens illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-istess socjeta' hija reseller jew agent ta' servizz ta' VOIP provdut lilha mis-socjeta terza World Call, liema servizz l-istess socjeta' tghaddi lill-klijenti taghha.*

*Illi ghal-ligi huwa rrelevanti x'nomenklatura tintuza biex jigi deskritt is-servizz moghti sakemm dan jaqa' taht il-kappa ta' "garr ta' sinjali" ai fini tad-definizzjoni skond dak provdut mill-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettronici, Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-applikazzjoni tar-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar Networks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali).*

*Illi r-rapprezentant ta' l-istess socjeta' Sidney Ellul Sullivan fix-xhieda tieghu a folio 53 et seq,*

[1] Fol 13 et seq.

*jghid illi hija l-istess socjeta' ntimata rikorrenti li ghandu jkollha licenzja. Din id-dikjarazzjoni hija pjuttost kontradittorja ghal dak kollu li inghad precedentament u taghti komfort lit-tezi ta' l-Awtorita.*

*Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li dan is-servizz jaqa' taht dik il-kappa generali ta' servizz provdut permezz ta' garr ta' sinjali, tant illi kienet l-istess socjeta' ntimata rikorrenti li originarjament talbet li tinhargilha licenzja taht l-istess Artikolu.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tas-socjeta' ntimata rikorrenti Sesco Investments Limited bl-ispejjez kontra taghha."*

Is-socjeta' rikorrenti appellat mis-sentenza u l-Awtorita' ntimata wiegbet[2]. Waqt is-seduta tat-18 ta' April 2017 dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

L-aggravju tas-socjeta' appellanti hu li l-ewwel Qorti ddecidiet li qeghda toffri servizzi ta' ***"other publicly available communications services"*** meta mhijiex. Fil-fehma taghha l-Ewwel Qorti telqet mill-premessa li s-socjeta' appellanti hija *"other publicly available communications services"* minghajr ma qieset jekk is-socjeta' hix tabilhaqq tali, ikkunsidrat tlett aspetti li gew kontradetti minn provi kuntrarji u regghet waslet ghall-istess konkluzjoni erronea. Ghadaqstant is-socjeta' appellanti ma kienx imissha giet ordnata thallas is-somma mitluba mill-Awtorita' appellata.

L-Awtorita' ntimata minn naha taghha tirribatti li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta.

**<u>FATTI.</u>**

i. Fl-**4 ta' Novembru 2004**[3] is-socjeta' appellanti pprezentat lill-Awtorita' appellata *Notification Form for General Authorisation* skont l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta) li jippermetti imprizi li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont id-dispozizzjonijiet tal-Att[4]. L-istess socjeta' ndikat in-natura tas-servizz bhala ***"other publicly available communications services"*** **u tat din id-deskrizzjoni tieghu** ***"VOIP Service Provider"***[5]. Il-formola ffirmaha Sydney Ellul Sullivan, Direttur Manigerjali tal-istess kumpannija;

---

[2] Fol 9 et seq.

[3] Fol 18 et seq.

[4] Art 17 et seq tal-Att.

[5] VOIP tfisser *"voice over internet protocol"*.

ii. L-ghada, fil-**5 ta' Novembru 2004**[6] l-Awtorita' appellata baghtet ittra lis-socjeta' appellanti fejn infurmata li hija kienet irceviet tali notifika u li kienet ser tinkludi lill-istess socjeta' fir-registru tal-imprizi awtorizzati skont ir-Regolamenti dwar Networks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) - L.S. 399.28;

iii. Fix-xhieda tieghu **Sydney Ellul Sullivan** jghid li s-socjeta' appellanti tbiegh is-servizzi tal-internet u hija wkoll kumpanija tat-telefonija[7]. F'korrispondenza li s-socjeta' appellanti kellha mal-Awtorita' appellata fl-2009 Ellul Sullivan iddeskriva s-servizzi offruti mis-socjeta' hekk -

*"We sell internet, calls, CPO (computer print outs), binding books, faxes, lamination, CDs and phone cards all from this centre. Customers are also making calls from their Skype or any other messenger and we sell them internet time. (Just like any other internet café)[8]."*

iv. **Ellul Sullivan** ikompli jghid li –

*"…f'**Jannar tal-2005** bdejt nircievi talbiet biex inhallas ta' licenzja ta' service provider, b'effett mill-1 ta' Jannar 2005 pero' jiena mill-ewwel gurnata ktibt mill-ewwel lil Dr Paul Micallef u spjegajtlu li jien m'inix service provider izda re-seller[9]."*

Pero' ma pprezentat l-ebda korrispondenza ta' dik l-epoka f'dan is-sens.

v. Invece skont l**-avukat Dr Paul Edgar Micallef ghan-nom tal-Awtorita' appellata** kien biss hames snin wara n-notifika moghtija mis-socjeta' appellanti tal-2004 li huma rcevew talba minghand is-socjeta' appellanti dwar il-hlasijiet amministrattivi li kienu qed jintalbu mill-Awtorita'. Dr Micallef xehed li –

*"…precizament fid-**19 t'Awissu 2009** ircivejna email ghan-nom tas-Sesco fejn dawn talbu waiver ghal fees li huma kienu qed ihallsu a bazi tal-general authorization (sic) li fil-fatt kienu nnotifikawna fit-2004. Wara imbaghad ahna tlabna gustifikazzjoni biex jispjega min-naha tas-Sesco x'kienu r-ragunijiet ghalfejn kienu qed jargumentaw li dana kellhom jinghataw waiver wara li huma kienu ilhom diga' joperaw hames snin general authorization ghall-istess servizz u fil-fatt imbaghad iktar tard konna rcivejna ittra minghand Sesco datata **28 ta' Dicembru 2009** fejn Sesco kienu taw spjegazzjoni basically tan-natura tas-servizzi taghhom fejn huma kienu qed jargumentaw li allura ma kellhomx bzonn general authorisation[10]";*

vi. L-ittra tat-**28 ta' Dicembru 2009**[11] giet esibita in atti. Fiha d-Direttur Manigerjali tas-socjeta' appellanti ta rendikont tan-natura tas-servizzi li qal li taghti s-socjeta' u argumenta li dan kien jirrendiha biss bhala *"reseller"* imma *"sometime in the future we are working to become a provider";*

---

[6] Fol 25.

[7] Fol 43.

[8] Fol 67.

[9] Fol 44.

[10] Fol 63.

[11] Fol 67 *et seq.*

vii. L-avukat Micallef kompla jixhed hekk[12] -

*"F'mument minnhom imbaghad is-Sur Ellul Sullivan kien anke talab laqgha mal-executive chairman taghna biex jelabora izjed ghalfejn skond hu is-Sesco ma kellhomx bzonn ta' licenzja minn naha taghna, fil-fatt saret laqgha tac-chairman ta' dak iz-zmien is-Sur Philip Micallef, kont prezenti jiena, fejn ppruvajna nispjegawlu a bazi tan-natura tas-servizzi kif deskritti minnu ghalfejn fil-fehma tal-MCA kellu bzonn tal-general authorization waqt li s-sur Ellul Sullivan min-naha tieghu kompla jinsisti li ma kellux bzonn ta' general authorization. Importanti wkoll li tul il-korrispondenza li kellna mas-sur Ellul Sullivan hu kien qed jghid li hu reseller ghal kumpanija li kienet ibbazata fil-Belgium, tlabnieh pero' kemm il-darba biex jidentifika min hi din il-kumpanija u d-dettalji ta' min kienet din il-kumpanija qatt ma gew."*

Giet esibita kopja ta' din il-korrispondenza li saret bejn **Frar u Marzu 2010**;

viii. Fit-**28 t'April 2010** l-Awtorita' appellata pprezentat ittra ufficjali kontra s-socjeta' appellanti *ai termini* tal-artikolu 49 tal-Kap 418 ghall-hlas tas-somma ta' €3,285.05 bhala hlasijiet amministrattivi ghall-awtorizzazzjoni generali li s-socjeta' appellanti baqghet tgadwi sat-30 ta' Gunju 2010[13].

ix. Is-socjeta' appellanti kkontestat din l-ittra ufficjali permezz ta' **rikors datat 18 ta' Mejju 2010** quddiem l-ewwel Qorti;

x. Fi kliem **Sydney Ellul Sullivan**, l-oggezzjoni tas-socjeta' appellanti ghall-ammont mitlub mill-Awtorita' hija ghaliex ***"jien m'inix service provider u r-rata mitluba hija dik pertinenti lil service provider u mhux persuna li topera bhal ma qed nopera jien"***[14].

xi. Waqt il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, Sydney Ellul Sullivan zvela l-isem tal-kumpanija Belgjana li hu qal li kien *reseller* taghha[15] – bl-isem ta' *World Call* bazata fi Brussell[16]. Din il-kumpanija pero' m'ghandhiex awtorizzazzjoni generali mal-Awtorita' appellata biex topera hawn Malta[17];

xii. Mit-**2 ta' Gunju 2015** is-socjeta' appellanti ma baqghetx izjed meqjusa li tgawdi minn awtorizzazzjoni generali u giet imnehhija mir-Registru tal-*Authorised Electronic Communications Service undertakings* wara li hija avzat lill-Awtorita' b'email li ggib l-istess data li *"Sesco is no longer in business, the business has shut down*[18]*"*;

---

[12] Fol 64.

[13] Fol 4.

[14] Fol 44.

[15] Ara xhieda ta' Dr Paul Edgar Micallef a fol 64.

[16] Fol 56.

[17]xhieda ta' Dr Micallef Fol 65.

[18] Risposta tal-appell a fol 11 para 15.

**Konsiderazzjoni**

1. Is-socjeta' appellanti ssostni li kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti:

i. hija ma kinitx topera *"other publicly available communicatons services"*; u
ii. hija kienet biss *re-seller* ghan-nom ta' terzi;

Il-Qorti ma taqbilx.

Kienet is-socjeta' appellanti li fl-4 ta' Novembru 2004 **minn jeddha** nnotifikat lill-Awtorita' appellata li kienet ser tibda topera tas-servizz bhala *"other publicly available communications services".*

Ir-regolament 55 (7) tal-A.L. 412 tal-2004, applikabbli fiz-zmien in kwisjtoni, kienu jipprovdu -

*"Intrapriża għandha tavża lill-Awtorità minnufih malli ttemm tipprovdi networks u, jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi taħt dawn ir-regolamenti u għandha tibqa' responsabbli għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kollha bħala provditur ta' dawk in-networks u, jew servizzi sakemm jingħata dak l-avviż."*

Avviz li l-appellanti tat fit-2 ta' Gunju 2015. Dan ifisser li fil-perjodu li ghalih qieghed jintalab il-hlas fl-ittra ufficjali tat-28 t'April 2010 hija kienet legalment responsabbli li taderixxi ma' kull obbligu li kellha bhala intrapriza awtorizzata inkluz ghalhekk il-hlasijiet amministrattivi applikabbli.

Inoltre, l-argument tal-appellant li ma kinitx taghti *"other publicly available communications services"* u li kienet biss *reseller* u mhux *service provider* ukoll ma jsibx sostenn fil-provi.

Jirrizulta fl-ewwel lok li l-ewwel darba li s-socjeta' appellanti bdiet toggezzjona ghall-hlasijiet amministrattivi tal-Awtorita' kien fl-2009 u cioe' hames snin wara li hija kienet ilha registrata ghal dan is-servizz. Dan huwa ghalhekk diga' konferma ndiretta da parti tas-socjeta' appellanti li fil-perjodu bejn l-2004 u l-2009 hija kienet qeghda topera bhala mpriza awtorizzata li toffri *"other publicly available communicatons services"*.

Fit-tieni lok, it-tifsira ta' ***"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi"*** tinsab fl-artikolu 2 tal-Kap 399 li jghid hekk –

*"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser servizz normalment provdut b'rimunerazzjoni li jkun jikkonsisti għal kollox jew prinċipalment fil-ġarr ta' sinjali fuq networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inklużi servizzi ta' telekomunikazzjoni u servizzi ta' trasmissjoni f'networks użati għax-xandir, imma esklużi servizzi li jipprovdu, jew li jeżerċitaw*

*kontroll editorjali fuq, kontenut li jiġi trasmess billi jintużaw networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; ma tinkludix servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni, kif imfissra fl-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettronici, li ma jkunux jikkonsistu għal kollox jew prinċipalment fil-ġarr ta' sinjali fuq networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;"*

Is-socjeta' appellanti tikkontendi li hija ma taqax fil-parametri ta' dan il-provvediment peress li ma' toffrix garr ta' sinjali ghax fil-fehma taghha[19] –

*"hija qeghda tbiegh lill-klijenti taghha l-opportunita' illi jaqbdu ma' entitajiet illi jkunu huma joffru servizz ta' garr ta' sinjali pero' s-socjeta' appellanti m'hija qeghda toffri ebda servizz ta' garr ta' sinjali."* ; u

*"kull ma ghandha huwa linja tat-telefon u kompjuter bhala apparat u illi, tabilhaqq, l-klijenti taghha kull ma qeghdin jaghmlu huwa jcemplu numru biex jaqbdu ma' network ta' entita' ohra."*

**Sydney Ellul Sullivan** xehed hekk[20] -

*"Mela jekk bniedem jaghmel telefonata lili jew lil PBX tieghi il-hlas ta' dik it-telefonata naturalment hija a karigu tieghu; jekk hux qed icempel barra minn Malta, jekk hux qed icempel minn fuq mobile phone jew fixed line, sja tal-GO u sja ta' haddiehor, dak ihallasha hu, malli s-sistema tieghi tintercetta dik it-telefonata it-telefonata tmur VOIP jigifieri Voice Over Internet Protocol, minn hemmhekk nibda nhallas lis-service provider tieghi, ta' barra minn Malta mhux lil GO. Mela fuq domanda tal-Qorti, min jaghmel telefonata ndirizzata lili dak jehel ic-charge affair tieghu, malli s-sistema tieghi PBX, li ghaliha qed inhallas il-kera u ghaliha qed inhallas il-linja, tintercetta t-telefonata awtomatikament isir kuntatt bejni u bejn is-service provider barrani via internet mhux via l-linja tat-telefon."*

Il-Qorti tirreferi ghall-ispjega teknika tas-servizz moghti mis-socjeta' appellanti kif deskritta dettaljatament mis-*Senior Technical Specialist* tal-Awtorita' **Owen Darmanin**[21]. -

*"Irrid nghid li wara li ezaminajt il-fatti mill-aspett tekniku jirrizulta illi s-socjeta' Sesco Investments Ltd qed tipprovdi tip ta' voice over IP pero' mhuwiex il-voice over IP klassiku jew baziku bhal ma huwa l-Iskype ghaliex din tinkorpora servizz ta' telefonija.....Nispjega li dak li qed isir mis-socjeta' Sesco huwa s-segwenti;* ***terza persuna icempel in-numru provdut mis-Sesco li huwa 21882211....minn hemmhekk isir komunikazzjoni through Sesco mal-ISP taghha, l-ISP tas-Sesco taqbad mal-World Call u l-World Call imbaghad titrasmetti it-telefonata lill-abbonat barra minn Malta jew fejn ikun****.....L-ewwel*

[19] Rikors tal-appell a fol 5.

[20] Fol 48.

[21] Fol 69 et seq.

*kollegament tat-telefonata lokali isir through l-ISP u l-ISP ikun wiehed lokali. Nispjega wkoll li meta ssir l-ewwel telefonata dina tidhol f'dal li nghidulu gateway fejn isir, biex nispjega, translation sinjal ghal sistema kompjuterizzata. Ghall-awtorita' ladarba tghaqid taz-zewg sistemi – jigifieri ta' fixed line telephony mal-VOIP tramite equipment iehor allura qed jinholoq servizz li tieghu hemm bzonn licenzja. Nispjega illi min qieghed jaghmel l-ewwel tefonata qeghed naturalment ihallas bit-tariffa tieghu tal-mobile phone jew tal-fixed line lil GO jew lil Melita jew operator iehor, skond il-kaz ma min huwa abbonat, minn hemmhekk malli jsir kollegament mas-sistema tas-Sur Sullivan is-sistema titlob in-numru tal-iscratch card, meta jidhol dak in-numru tivverifika kemm ghandek kreditu eccetra eccetra, fejn trid iccempel u b'liema rata ser ticcargjak……Nikkonferma wkoll illi malli l-gateway taghmel it-traduzzjoni tas-sinjal u taghmel kollegament mal-World Call din tkun qed tkun kunsmata mis-servizz li jixtri s-sur Sullivan minghand il-World Call."*

Ebda prova teknika ohra ma tressqet biex tikkontradixxi dak li qal dan ix-xhud. Il-Qorti ma tarax raguni il-ghala ghandha tiskarta din l-analizi teknika tas-sistema mhaddma mis-socjeta' appellanti li minnha, fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta li:

i. is-socjeta' appellanti ma tistax titqies li hija sempliciment *re-seller* kif pretiz minnha peress li biex toffri s-servizz taghha lill-utenti hija temergi bhala l-korp li jghaqqad diversi servizzi kummercjali lokali u barranin flimkien irrispettivament mill-fatt li f'dan il-process hija kienet qeghda taghmel uzu wkoll minn sistemi ta' terzi; u

ii. bil-fatt li fl-ghoti tas-servizz taghha s-socjeta' appellanti qeghda tghaqqad is-sistema ta' telefonija minn linja fissa mal-VOIP permezz ta' apparat, dan jirrikjedi garr ta' sinjali minn sistema ghall-ohra. Ghal dan hija mehtiega licenzja mill-Awtorita' appellata li ghaliha s-socjeta' appellanti kellha taghmel hlasijiet amministrattivi, li fuq uhud minnhom illum hemm talba ghal hlas mill-Awtorita' appellata.

Isegwi li l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li s-socjeta' appellanti kienet qed topera *"other publicly available communications services"* hija wahda gusta. Ghal kull buon fini jinghad li, kuntrarjament ghal dak lamentat mis-socjeta' appellanti, l-ewwel Qorti waslet ghal tali decizjoni wara li ghamlet l-indagini taghha mill-provi mressqa fejn anke rrizultalha li kienet is-socjeta' appellanti stess li sahqet li kellu jkollha tali licenzja u anke li kienet hi stess li originarjament applikat biex tinhargilha tali licenzja skont il-ligi.

2. Is-socjeta' appellanti tilmenta wkoll li l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni finali taghha wara li qieset tlett aspetti zbaljati. Izda dan mhuwhiex il-kaz. Jinghad a priori li mkien mill-korp tas-sentenza ma jirrizulta li l-ewwel Qorti strahet fuq dawn it-tlett punti partikolari, u f'kull kaz, l-argumenti mressqa mis-socjeta' appellanti dwarhom huma nfondati.

It-tlett punti sollevati mis-socjeta' appellanti huma:

a. Is-socjeta' appellanti m'ghamlitx notifika a tenur tar-regolament 55 (7) tal-A.L. 399.28 – Is-socjeta' appellanti targumenta li dan l-Avviz Legali ma jezistix, pero' xorta wahda l-provi wrew illi l-istess socjeta' ma kinitx kuntenta bin-notifika li kienet ghamlet lill-Awtorita' fl-2004 tant li hija ghamlet diversi tentattivi biex temenda tali notifika. Ghalhekk l-ewwel Qorti zbaljat meta qalet li s-socjeta' appellanti m'ghamlet xejn biex tindirizza n-notifika originali li ghamlet.

Il-Qorti tosserva li:

i. L-unika referenza li saret ghall-A.L. 399.28 fil-korp tas-sentenza huwa fil-parti ntroduttorja taghha meta l-ewwel Qorti rriproduciet *verbatim* ir-risposta tal-Awtorita' appellata, li f'paragrafu minnhom taghha gie ndikat "A.L. 399.28" [22]. *Se mai* mela l-izball huwa tal-Awtorita' appellata u mhux tal-Qorti. Huwa car pero' li din ir-referenza hija biss *lapsus calami* tant li f'partijiet ohra tar-risposta stess u fil-bqija tal-atti, ir-referenza dejjem kienet dik korretta ghall-L.S.399.28. Ebda pregudizzju ma gie rekat lis-socjeta' appellanti.

ii. Ir-referenza ghar-regolament 55 (7) tal-L.S.399.28 fir-risposta tal-Awtorita' quddiem l-ewwel Qorti kienet dik ghar-regolament applikabbli fl-epoka meta gew intavolati l-proceduri fl-2010 kif kwotat aktar 'il fuq;

iii. Is-socjeta' appellanti ma aderietx ma' din id-dispozizzjoni[23] hlief f'Gunju 2015, u fil-frattemp kulma ghamlet kien li circa fl-2009, hija dahlet f'battibekki mal-Awtorita' appellata dwar l-istatus tas-servizzi moghtija minnha - ghax fil-fehma taghha hija ma "kellhiex bzonn" awtorizzazzjoni generali - minghajr ma wriet b'success li hija verament ma kinitx jew ma baqghetx tikkwalifika taht l-istatus li toffri *other publicly available communicatons services* kif minnha stess dikjarat fl-2004.

L-argumenti mressqa mis-socjeta' appellanti ghalhekk mhumiex gustifikati.

b. Is-socjeta' appellanti naqset li tforni dettalji tat-terzi illi skond is-socjeta' appellanti kienet qed thallas dawn l-ammonti dovuti - fil-fehma tas-socjeta' appellanti, irrispettivament minn x'provi kienu ngiebu quddiem is-socjeta' appellata, quddiem l-ewwel Qorti ngiebet il-prova dwar min kienet is-socjeta' Belgjana li minghandha s-socjeta' appellanti kienet qed tixtri s-servizzi u gew prezentati anke invoices fir-rigward. L-ewwel Qorti kellha ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta' appellanti kienet biss *reseller* u ghalhekk tichad it-talba tal-Aworita' appellata ghall-hlasijiet mitluba.

Dan l-ilment ukoll ma jregix.

---

[22] Para 3 fol 106.

[23] Fil-frattemp dan l-artikolu sar l-artikolu 66 (6) skont l-Avviz Legali 273 tal-2011. Fis-sustanza tieghu baqa' l-istess.

Bhala fatt gie pruvat li l-Kumpanija Belgjana in kwistjoni ma kellhiex awtorizzazzjoni generali biex topera f'Malta ghalhekk ftit li xejn taghmel differenza ghal fini ta' din il-kawza li isimha gie zvelat fil-mori tal-proceduri u mhux qabel[24]. Isegwi li s-socjeta' appellanti ma setghet qatt titqies li hija *reseller* ta' entita' li m'ghandha ebda awtorizzazzjoni mill-Awtorita' lokali kompetenti sabiex topera minn Malta. Ghal kull buon fini l-Qorti tfakkar ukoll li kien ir-rapprezentant tas-socjeta' appellanti stess li nsista li hija s-socjeta' appellanti li ghandu jkollha l-licenzja ghax hija hi li qed tipprovdi s-servizz lokalment[25].

c. Is-socjeta' appellanti kienet irtirat l-appell li kienet ghamlet quddiem il-Bord ta' l-Appelli tat-Telekomunikazzjoni – Skont is-socjeta' appellanti, il-fatt li hija dahlet fi ftehim mal-Awtorita' appellata wara li rtirat l-appell taghha quddiem il-Bord ma kellux iwassal ghall-impozizzjoni tad-drittijiet pretizi f'din il-kawza.

Bhala fatt is-socjeta' appellanti kienet ipproponiet appell quddiem il-Bord tal-Appelli tat-Telekomunikazzjoni[26] li gie rtirat wara li b'dikjarazzjoni tat-**3 ta' Marzu 2005**[27], is-socjeta' appellanti kienet intrabtet li, apparti li tirtira l-imsemmi appell:

- Taderixxi ma' kull direttiva jew ordni mahruga mill-Awtorita' skont il-ligi, partikolarment dawk li jirrigwardaw l-ghoti ta' servizzi tal-VOIP;
- Tobdi kull rekwizit, inkluz kundizzjonijiet oneruzi bhala impriza awtorizzata mahruga skont il-Kap 399 u r-regolamenti sussidjarji.

Din id-dikjarazzjoni timmilita kontra u mhux favur it-tezi tas-socjeta' appellanti ghax tikkonferma l-obbligu li ntrabtet bih bhala mpriza awtorizzata li toqghod ghall-kundizzjonijiet kollha applikabbli, fosthom ghalhekk dik tal-hlasijiet amministrattivi annwali. Dan l-ilment hu michud ukoll.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hi gusta u timmerita konferma.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[24] Ara xhieda ta' Dr Paul Edgar Micallef a fol 65.

[25] Xhieda ta' Sydney Ellul Sullivan a fol 50.

[26] Nru 3/04 a fol 29 *et seq*.

[27] Fol 31.